# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 6 ta' Marzu 2025**

**Numru 4**

**Rikors Numru 228/20TA**

**Kathleen Mifsud (K.I. nru 115395M)**
**vs**
**Da Vinci Health Care Limited (C43120)**
**u**
**Dottor Pietro Zola (K.I. Taljana nru. AY0691531)**
**u b'digriet tat-3 ta' Settembru 2020 ġiet kjamata s-soċjeta' AmTrust International Underwriters DAC**
**u b'digriet tat-28 ta' Settembru 2021 Dr. Ryan Falzon assuma l-atti tal-kawża f'isem AmTrust Assicurazioni s.p.a. minflok AmTrust International Underwriters DAC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Kathleen Mifsud (l-Attriċi) tal-10 ta' Marzu 2020

li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. L-esponenti Kathleen Mifsud inkarigat lis-soċjeta intimate Da Vinci Health Care Limited, sabiex isirilha intervent mediku, ossija ` Lasik eye surgery`, liema intervent gie dejjem reklamat bħala `safe` **(Dok. A**). Dan l-intervent

sar mit-talb intimat Dottor Pietro Zola, imqabbad mis-soċjeta intimata, nhar it-tnax (12) ta` Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017).

2. Kif sejjer jirrizulta fil-morti ta` din l-kawza, l-intervent imsemmi mhux tali ma rnexxiex izda, talli b` konsegwenza tiegħu, l-esponenti spiċċat issofri minn left microbial keratits- dan kif ħuwa ċċertifikat mil-konsulent oftamologu Mr. Stephen Tuft, MD MChir FRCOphth (**Dok.B**) B rizultat tal-imsemmi intervent, l-esponenti kellha saħansitra tmmur tirċievi l-kura l` hinn minn xtutna.

3. Il quddiem, irrizlulta lill-esponenti Kathleen Mifsud, li hija spiċċat issofri min debilita fizika permanenti f` għajnejha, dan b` rizultat tal-intervent imsemmi, kif imwettaq mit-tabib intimat Dottor Pietro Zola.

4. Din id-debilita gravi u permanenti fuq il-persuna tal esponenti, affetwat, qiegħda, u sejra tkompli taffetwa serjament (u naturalment b` mod negattiv) il-ħajja tagħha, kemm fizikament, kif ukoll psikologikament u psikjatrikament. Bizzejjed jingħad li wara dan l-inċident, z-zwieg tal-esponenti ma` zewgħa beda jitkisser, fejn sahansitra kien hemm mibdija proċeduri ta` separazzjoni personali gudizzjarji. Apparti dan l-esponenti sofriet u qiegħda ssofri, numru ta` spejjez, u telf ta` qliegħ.

5. Kif se jigi muri waqt is-smigħ ta` dan ir-rikors guramentat, dan kollu seħħ b` konsegwenza ta` imperizja, negligenza, nuqqas t` osservenza u/jew nuqqas ta teħid tal-mizuri neċessarji da parti tal-intimati (jew min minnhom).

6. Għalhekk, l-intimati jew min minnhom huma obbligati skont il-ligi iħallsu lill-esponenti Kathleen Mifsud id-danni kollha minnha imgarrba, inluz l-ispejjez minn minfuqa, it-telf ta` qliegħ, id-danni fuq il- persuna tagħha, danni ta` natura psikologika u psikika , flimkien ma` danni morali ,apparti danni oħra.

7. L-intimati gew interpellati jersqu għal-likwidazzjoni ul-ħlas tad-danni sofferti mill-esponenti Mifsud, b danakollu huma baqgħu inadempjenti (**Dok.C, Dok D**).

8. Ir-rikorrenti Kathleen Mifsud taf personalment b` dawn if-fatti kollha.

<u>Raguni tat-Talba</u>

1. Htija tal-intimati jew minnhom, ir-rikorrenti Kathleen Mifsud sofriet grieħi sejri, gravi u permanenti fuq il-persunq tagħha, rizultanti dawn f` danni konsisteni f debilitia funzjonali u permamenti, danni psikolgoċi, danni psikjatriċi, danni morali telf` ta qligħ future, u spejjez oħra.

2. Għalhekk kellhom jigu mibdija dawn il-proċeduri.

Talbiet:

Jgħidu għalhekk l-intimati, l` għaliex din l-Onorabbli Qortim` għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:

1. Tiddikajara u tiddeċidi illi l-intimati (jew min minnhom) huma unikament responsabbli għad-danni u l-ispejjeż l-oħra sofferti minn Kathleen Mifsud, kif fuq spegajt, b `konsegwenza tal-intervent mediku ossija eye laser surgery li sar nhar it-12 ta Lulju 2017;

2. Tillikwida, jekk tħoss il-ħtiega permezz ta` periti nominati, id-danni u l-ispejjeż sofferti mir-rikorrenti konsistenti dawn f` debilita funzjonali u permanenti, dan psikoloġiċi, danni psikjatriċi, danni morali telf ta ` qligħ future u spejjez oħra;

3. Tikkundana lill-intimati jew minnhom, sabiex iħallsu lir-rikorrenti d-danni u l-ispejjez hekk likwidati, u dan flimkien mal -imgħaxijiet legali dekorribbli skont il-liġi;

   Bl-imgħax legali kif mitlub, u bl-ispejjez kollha, inklużi dawk tal-ittra gudizzjarja datata 24 ta` Jannar 2019, enumerate 261/19 u dik datata 24 ta` Jannar 2019, enumerati 262/19 kont l-intimati li jinsabu minn issa inġunti għas-subbizjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Da Vinci Health Centre Limited (is-Soċjeta' konvenuta) tat-2 ta' Ġunju 2020 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta eccipjenti ma hija responsabbli ghal ebda nuqqas allegat u ghall-allegata sofferenza da parti tar-rikorrenti, u ghalhekk teccepixxi illi fil-konfront taghha t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk għandhom jiġu respinti;

2. Illi r-rikorrenti għandha mhux biss tipprova d-debilita' li allegatament qiegħda ssofri minnha, izda ghandha tipprova ukoll li l-eċċepjenti hija b'xi mod responsabbli għall-allegata debilita', kif ukoll li r-rikorrenti ma kienitx hi stess responsabbli, anke jekk parzjalment, ghal din id-debilita', minhabba xi kundizzjoni li kellha jew ghandha, jew minn xi att jew ommissjoni taghha;

3. Illi l-eċċipjenti ma hijiex responsabbli għall-intervent illi ssottomettiet ruħha għalih ir-rikorrenti, u dan stante illi l-operazzjoni ġiet eżegwita mill-

intimat kirurgu specjalizzat u indipendenti, Dottor Zola. Irid jinghad u jigi eccepit illi l-uniku kontribut da parti tas-socjeta eccipjenti fl-intervent *de quo* kien biss illi pprovdiet il-fond u xi apparat fejn sehh l-intervent. Il-ftehim li kellha r-rikorrenti kien mal-imsemmi kirurgu li mieghu iffirmat il-*consent form* wara li inghatat id-debita spjegazzjoni. Ghaldaqstant, u minghajr pregjudizzju, jekk tigi ppruvata xi responsabbilta' tas-socjeta eccipjenti din ghandha tkun limitata ghall-kontribut taghha;

4. Illi inoltre u minghajr pregjudizzju, ir-rikorrenti liberament u mingħajr ebda vjolenza iffirmat *'Informed Consent for Photorefractive Keratectomy (PRK)'* **(Dok. A)** li fih hija accettat l-ezenzjonijiet hemm kontenuti, u minn fejn jirrizulta (*inter alia* u minghajr pregjudizzju) illi hija :
a) kienet ben konsapevoli li l-intervent ma kienx wieħed indispensabbli, kif irrikonoxxiet fil-kondizzjoni numru 8 ("*This is an elective treatment and is not a treatment I have to have*");
b) ġiet avżata minn qabel dwar il-kumplikazzjonijiet li setgħu jirriżultaw minn tali intervent, u
c) accettat li ma kienet qed tinghata ebda garanzija ta' success ("*As with any surgery, I receive no guarantee as to the success of my particular case"*).
Illi ghalhekk ukoll l-eċċipjenti ma għandhiex tinżamm responsabbli jekk irrizultaw xi komplikazzjonijiet jew rizultati mhux mixtieqa minn dan l-intervent;

5. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, kemm-il darba jirriżulta xi nuqqas, li l-eċċipjenti qiegħda terġa' tiċħad bil-qawwa kollha, ir-rikorrenti tkun intitolata biss għal dawk id-danni <u>konsegwenzjali</u> li jkunu <u>raġjonevolment</u> u <u>realistikament</u> dovuti skont il-liġi;

6. Illi finalment u mingħajr preġudizzju, is-socjeta eċċipjenti kienet minghajr pregjudizzju talbet mingħand ir-rikorrenti kopja tar-rapport mediku li fuqu l-istess rikorrenti kienet qed tibbaża t-talba tagħha, iżda din naqset li tipproduċieh mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi. Għalhekk, kemm il-darba l-eċċepjenti tinżamm b'xi mod responsabbli u jew/tiġi ordnata li tikkumpensa lir-rikorrenti, hija xorta ma għandhiex tbati l-ispejjeż ta' din il-proċedura;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Dr. Pietro Zola (il-konvenut) tal-11 ta' Ġunju 2020 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. **Fl-ewwel lok**, in linea preliminari, in-notifka tal-esponenti Dr Pietro Zola, fl-isptar Da Vinci, kienet wahda nulla u invalida, u b'hekk saret hazin, stante l-fatt

li *in primis*, ir-rikorrenti kien jehtiegilha li tinnotifikah bl-lingwa li huwa jifhem, u sussegwentement hija kien jehtiegilha l-ewwel tintenta taghmel notifika fir-residenza tal-konvenut, u inkella alternattivament ir-rikorrenti kien jehtiegilha li tressaq il-quddiem il-procedura odjerna flimkien ma' rikors separat b'talba ghall-kuraturi bil-hrug tas-soliti bandu, sabiex l-istess kuratur jidher ghat-tabib Zola,li huwa assenti minn Malta.

2. **Fit-tieni lok**, in linea preliminari, mingħajr preġudizzju għas-suespost, s-socjeta' tal-assigurazzjoni estera Amtrust international underwriters DAC li tirraprezenta professjonalment lill-esponenti, ghandha tigi surrogata fid-drittijiet tal-esponenti jew ghalinqas ghandha tigi kjamata in kawza wkoll, u dan ghal kwalunkwe eventwali hlas ta' dannu, jekk ikun il-kaz;

3. **Fit-tielet lok**, fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ma huwiex responsabbli għall-allegati danni subiti mir-rikorrenti, u dan stante li huwa agixxa skont l-arti u s-sengha u bl-ikbar diligenza u professjonalita'.

4. **Fir-raba' lok**, fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jehtiegilha wkoll tipprova li m'hemmx negligenza kontributorja di parte taghha, ghal-allegati danni, minhabba xi att, jew ommissjoni taghha, jew inkella xi kundizzjoni diga pre-ezistenti.

4. **Fil-hames lok**, fil-mertu, mingħajr pregudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jeħtieġilha tipprova l-allegati danni minnha subiti.

5. **Fis-sitt lok**, fil-mertu, mingħajr pregudizzju għas-suespost, id-dijanjozi milħuqa mill-Perit *ex-parte* ngaġġjat mir-rikorrenti, (vide Dok. B anness mar-rikors promotur) fuq liema l-istess rikorrenti jsejjes l-azzjoni odjerna, ma jindividwawx danni fil-parametri tal-Liġi u tal-ġurisprudenza lokali u wisq inqas jiddentifikaw bhala l-operazzjoni maghmula mid-Dottor Pietro Zola bhala l-kawza ta' skumdita u allegat hsarat sofferti mir-rikorrenti.

6. **Fis-seba' lok**, fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi, u jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, inklużi dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Marzu tas-sena 2019, u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-ntimat kontra l-istess.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' estera Am Trust Assicurazioni s.p.a (il-Kjamata in Kawża) tas-26 ta'Awwissu 2021 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi in linea prelimari, is-soċjeta` esponenti teċċepixxi illi l-polza tal-assigurazzjoni maħruġa minnha lill-intimat Dottor Pietro Zola (kopja tad-

dokumenti relattivi huwa annessi u mmarkata bhala Dok `AM2 sa AM6) hija regolata u soġġetta għal-Liġi Taljana, u dana skont l-artikolu 9 tal-istess, B`hekk, il-liġi Maltija ma tirriżultax applikabbli sa fejn si tratta kwalsiasi responsabbilita` illi jista jkollha s-soċjeta esponenti fil-vertenza de quo;

2. Illi wkoll in linea preliminari, jiġi rilevat illi fil-31 ta` Lulju tas-sena 2020 is-soċjeta Am trust International Underwriters DAC trasferiet in-negożju tagħha lil AmTrust Assicurazioni s.p.a li tagħmel parti mill-Grupp ta` kumpanniji bl-isem "Gruppo Assicurativo AmTrust" Għaldaqstant, għandha ssir korrezzjoni fl-okkju sabiex jiġi rifless dan il-fatt;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, it-talbiet attriċi kif dedotti fil-konfront tas-soċjeta` esponenit għandhom jiġu respinti fit-totalita` tagħhom stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirriżulta ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawża u senjatament minħabba s-segwenti raġunijiet;

   a. Illi s-soċjeta esponenti ma hijiex il-leġittimu kontradittur u ġiet ikkjamata f` din il-kawża mingħajr ebda raġuni vailida, u dan peress illi l-polza tal-assigurazzjoni maħruġa lill-intimat Dottor Pietro Zola hija soġġetta għal limitazzjoniet territorjali ai termini tal-artikolu 14 tal-istess polza, u speċifikament tkopri biss l-attivatijiet professjonali illi l-assigurat Dottor Pietro Zola jerżeċita fit-territorju tal-italja. Konsegwetament, is-soċjeta` esponenti m`għandha l-ebda responsabbilita in konnessjoni mal-pretensjonijiet mertu ta` din il-kawża, peress li, kif jirriżulta minn eżami tar-rikors promotur, juma marbutin ma` servizzi pprestati fit-teritorju Malti;

   b. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-intimat Dottor Pietro Zola naqas milli jġib a konjizzjoni tas-soċjeta` esponeti il-fatt illi ġew ippreżenatati żewg ittra uffiċjali fil-konfront tiegħu skont kif rikjest mil-liġi u skont it-terminu li tipprovdi l-polza innifisha, ossia fi żmien tlettin (30) ġurnata skont inter alia l-artikolu 12(1) tal-polza. Di fatti, l-ittra uffiċjali bin-numru 262/19 ta` nhar l-24 ta` Jannar 2019 ġiet notifikata lill-intimat Dottor Pietro Zola nhar il-31 ta` Jannar 2019, filwaqt illi l-ittra uffiċjali bin-numru 261/19 ta`nhar l-24 ta Jannar 2019 ġiet notifikata lilu nhar it -2 ta` Frar 2019. Mandankollu jirriżulta illi huwa baqa` ma nnotifikax lis-soċjeta` assikuratriċi bl-istess qabel Mejju tas-sena 2020 u dan kif jirriżulta permezz tal-korrispondenzi hawn annessi u mmarkati bhala Dok `AM7`;

   c. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-intimat Dottor Pietro Zola naqa milli jġib a konizzjoni tas-soċjeta esponenti l-pretensjoni miġjuba fil-konfront tiegħu għall-ewwel darba, u dan kif rikjest mill-polza in kwistjoni;

d. Illi mingħajr preġudizzju, għandha tinġieb prova tajba skont il-liġi tal-allegati danni sofferti mill-attriċi u kif ukoll tal-allegata resposabbilita tal-intimat Dottor Pietro Zola għall-istess skont il-ligi;

e. Illi mingħajr pregudizzju, ai termini tal-artikolu 17 tal-istess polza f` polza f` każ ta`reponsabbilita` solidati tal-assigurat ma` terzi persuni, is-soċjeta assikuratiċi tirrispondi biss għar-responsabbilita li jinkorri l-assigurat;

f. Illiin ogni u mingħajr preġudizzju, fil-kaz li s-soċjeta tinsab responsabbli, ir-responsabbilita` tas-soċjeta esponenti hija soġġetta għal-limitazzjonijiet illi tipprovdi l-polza t` assigurazzjoni in kwistjoni, li jinkludu mhux limtatament is-segwenti;

   i. Il-polza in kwistjoni ma tagħmilx tajjeb għal rikjesti għar-riżaċiment tad-danni u telf patrimonjali f` kaz li t-tabib assigurat jonqos milli jinforma lill-pazjent bir-riskji u l-kumplikazzjonijiet kollha li jistgħu jirriżultaw minn dan l-intervent mediku;

   ii. L-esponenti ma hijiex responsabbli għall-ispejjez legali u/jew tekniċi inkorsi mill-assigurat, u lanqas tagħmel tajjeb għal kwalunkwe multa u/jew ammenda imposta fuq l-assigurat;

   iii. Is-soċjeta` esponenti twieġeb biss għal talbiet ta` danni li ma jeċċdux is-somma ta` żewg miljun Euro (€2,000,000);

   Għladaqstant, għar-raġunijiet hawn imsemmija u hekk kif ser jigi elaborate matul is-smigħ tal-proċeduri odjerni, it-talbiet attriċi għandhom jigu miċhuda fit-totalita` tagħhom minn dina l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi provvedimenti illi jidhrilla xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-ligi,

   Bl-ispejjeż kontra l-attrici illi minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat l-atti u dokumeti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda mressqa fil-perkors tal-Kawża.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta’ fatti**

Is-Soċjeta' konvenuta rreklamat l-operazzjoni tal-għajnejn (day operation) magħrufa bħala *Lasik Eye Surgery* intenzjonata li ttejjeb il-vista tal-għajnejn. L-Attriċi abbażi ta' dan ir-riklam sarilha intervent mediku li sar mill-Konvenut Zola, kif assigurat mill-Kjamat in Kawża.

Dan l-intervent sar fit-12 ta' Lulju 2017. Qabel l-operazzjoni sarulha xi eżamijiet mediċi biex jiġi stabbilit jekk l-Attriċi kinitx sana biex tissottometti ruħha għal dan l-intervent. Il-konvenut Zola kien tal-opinjoni li l-Attriċi kellha għajnejha xotta u li għalhekk qabel li kien jeħtieġilha li tillubrifikahom u ingħatat qtar propju għalhekk biex fid-data fuq imsemmija kienet tajba biex tkun operata. Fl-istess ġurnata kien hemm numru ta' persuni oħrajn li kellhom jagħmlu l-intervent inkwistjoni. Hi kienet l-aħħar waħda li kienet operata f'dik il-ġurnata.

Sfortunatament dan l-intervent ma kienx ta' suċċess talinqas fuq l-għajn ix-xellugija. Mhux biss talli spiċċat ħafna agħar milli kienet tant li anke waqt din il-Kawża mill-għajn il-leminija, ma baqgħet tara xejn ħlief ċpar. Qabel ma saret din il-Kawża sarulha diversi tentattivi minn tobba oħra, fosthom Mr. Franco Mercieca u saħansitra ġiet eżaminata barra minn Malta minn tobba esteri.

Skond l-attriċi hija spiċċat issoffri minn kundizzjoni magħrufa medikament bħala *microbial keratitis* u dan anke mid-dijanjosi tat-tobba. L-attriċi ssostni li dan kollu ġara tort tal-konvenuti u li għalhekk għandhom jagħmlu tajjeb għad-danni. Per konsegwenza għamlet din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi.**

Huwa manifestament ċar li l-Attriċi qed timposta l-azzjoni tagħha għal danni naxxenti minn danni mħux aquiljani, iżda dawk ix-xorta ta' danni ta' natura kuntrattwali u dan għar-raġunijiet li ser ikunu spjegati aktar 'l isfel. Pero' dan ma jfissirx li din il-Qorti ma għandiex tagħmel apprezzament abbażi tal-artikoli 1030 u 1031 tal-Kodiċi Ċivili biex tkun tista' tasal għall-konklużjoni ta' danni extra kuntrattwali. Anzi dawn ir-regoli fil-Kodiċi Ċivili jibqgħu jigwidaw lil din il-Qorti inkwantu dawn għandhom applikazzjoni ġenerali biex dak li jkun jasal għar-responsabbilita'.

A propositu ta' dan, il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Joseph Busuttil -vs- Emmanuel Schembri deċiża fid-19 ta' Frar 1954**. F'dan il-każ il-Qorti spjegat li wieħed mill-kriterji sabiex jiġi deċiż jekk il-fatt hux kolpa kontrattwali jew aquiljana, voldiri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiljana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali.

Din il-Qorti rriteniet li fatt ta' negliġenza u imperizja li jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali, li jista' ikun 'non factum' jew anke 'male factum' ma tistax tkun kolpa aquiljana imma 'damnum injuria datum' li jista' isir fl-okkażżjoni ta' kuntratt. Il-Qorti ċċitat lil Laurent li jgħallem "*Il delitto e' una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il quasi delitto interessa la sicurezza delle persone ... la cosa e' affatto diversa in materia di obbligazioni convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario"*.

Għalhekk għalkemm id-danni jitwieldu minn inadempjenza kuntrattwali, dan ma jfissirx li din il-Qorti m'għandhiex teżamina l-għemil tad-debitur, fil-każ tal-lum tal-konvenuti, biex tiskopri jekk urewx dik id-diliġenza neċessarja fl-operat tagħhom di fronte ta' l-Attriċi, kull wieħed minnhom fil-mansjonijiet rispettivi tiegħu.

Jiġifieri xorta huwa mistenni minnhom li jaġixxu bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja. Tibqa' għalhekk applikabbli n-norma ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu"*. Di fatti fis-**Sentenza fl-ismijiet Arthur George Lambert et -vs- Anthony Buttigieg pro et noe et deċiża fit-18 ta' April 1963 – (Vol. XLVII.III.1110)** intqal li "*ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita' kontrattwali u ħtija aquiliana ... jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kważi delitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti lesa jista' jkollha żewġ azzjonijiet – dik nascenti minn ħtija contrattuale u dik nascenti minn ħtija extra contrattuale.*"

Min-naħa l-oħra huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi "*min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti*" (ara - Kollez. Vol. XXX. I. 142).

Pero' tajjeb ukoll li jingħad li fil-każ ta' tobba u prattikanti mediċi dawn il-Qrati jgħallmu li l-livell ta' responsabbilita' huwa wieħed ogħla minn dak ordinarju u saħansitra jgħidu li *"… filwaqt li t-tabib ikun irid jipprova li hu aġixxa kif il-professjoni tistenna minnu, il-pazjent irid juri, fl-ewwel lok, li*

*ġara xi ħaġa ħażina waqt l-intervent kirurġiku, xi ħaġa jiġifieri mhux mistennija li sseħħ f'operazzjoni ta' dik ix-xorta."* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Tessie Ellul et vs Dr. Astrid Camilleri (2653/1999) deċiża fid-29 ta' April 2008** u kif ukoll dik ta' **Rose Gauci et vs Mr. Donald Felice et l-Qorti tal-Appell**).

**Konsiderazzjonijiet**

Kif dejjem jiġri f'każijiet ta' din ix-xorta, l-ewwel li m'għandu jkun stabbilit hija r-responsabbilita' ta' min mill-konvenuti huwa responsabbli għall-ħsara li soffriet l-Attriċi, dejjem jekk dan huwa l-każ. Ir-responsabbilita' tista' tkun tas-singlu jew tal-konvenuti kollha flimkien. Għalhekk il-Qorti ser tibda biex tqies jekk kienx hemm responsabbilita' da parti tal-Konvenut Zola.

<u>*Responsabbilita' konvenut Zola*</u>

Aktar 'l fuq diġa' sar aċċenn għal grad ta' responsabbilita' meħtieġa biex mediku jingħad li ma jkunx esegwixxa l-professjoni tiegħu bi prudenza, diliġenza, bil-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (art 1032 tal-Kodiċi Ċivili).

Fil-każ ta' tobba l-Qorti għamlet referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Gauci -vs- Felice, deċiża fil-31 ta' Ottubru 2008**. Hawn intqal li "*ir-relazzjoni bejn tabib u pazjent tixbaħ aktar in-natura ta' kuntratt, b'dan, pero`, li mit-tabib mhux mistenni dejjem riżultat pożittiv, għax l-obbligazzjoni tiegħu mhux dik di risultato iżda di mezzi, fis-sens li l-obbligu tat-tabib huwa deskritt bħala li "egli e` tenuto ad usare la diligenza che la natura dell'attivita` esercitata esige*" (Ara wkoll **Corte Cassazione d'Italia, 21 ta' Lulju 1989; każ Numru 3476**).

Dan ifisser, li filwaqt li t-tabib ikun irid jipprova li hu aġixxa kif il-professjoni tistenna minnu u cioe' *secundum arte*, il-pazjent irid juri, fl-ewwel lok, li ġara xi ħaġa ħażina waqt l-intervent kirurġiku, xi ħaġa, jiġifieri, mhux mistennija li sseħħ f'operazzjoni jew investigazzjoni ta' dik ix-xorta. Jiġifieri l-grad ta' responsabbilita' meħtieġ huwa wieħed aktar rigoruz mill-eżerċizzju ta' kull attivita' oħra. Li ma kienx hekk, bir-riskji li intervent kirurġiku intrinsikament iġib miegħu, ebda mediku ma jidħol għal biċċa xogħol bħal din.

Issa l-Qorti eżaminat sewwa l-provi u jirrisulta li dwar kif dan il-konvenut ikkonduċa l-intervent ma jistax jingħad li wera nuqqas ta' ħila u arti kif tispjega l-ermenawtika lokali.

Jibda biex jingħad li fl-ewwel laqgħa li kellha l-Attriċi, Zola mill-ewwel qalilha li l-operazzjoni ma setgħetx issirilha għax għajnejha kienu xotti. Għalhekk mhux il-fatt, li l-konvenut ried jaħtaf okkazzjoni imma kien kawt qabel ma ħass li seta' jsir intervent. Għal dik il-konsulta l-Attriċi ma ħallset xejn u tgħid li talinqas setgħet tkun taf fejn qegħdha. Kien minn ġimgħatejn wara li ċemplulha minn Da Vinci fejn stiednuha terġa' tmur għal konsulatzzjoni, din id-darba kellha tħallas €50. Reġa' raha l-konvenut u qalilha setgħu jagħmlu l-operazzjoni u taha appuntament għat-12 ta' Lulju 2017 (a' fol 19).

Ħareġ ċar li l-konvenut Zola kellu esperjenza li tikkwalifikah bħala espert tal-oftalmoloġija tant li anke kellu *warrant* ta' prattika. Jirrisulta wkoll li qatt ma kellu episodji bħal dawn u li dakinhar li ġiet operata kien hemm tlett persuni oħra li kif xehdu kienu fiequ u sodisfatti bir-risultat.

Pero' l-inkwiet post-operazzjonali beda mill-għada u baqa' jippersisti sakemm ġimgħatejn wara marret għal *follow up*. Ma kinitx qed tara minn għajnejha x-xellugija mertu tal-kawża. Ġimgħa wara reġgħet marret u għajnejha x-xellugija kienet għadha ma fiqitx sakemm f'Settembru tal-2017 il-konvenut Zola għamlilha operazzjoni oħra u għalqilha għajnejha b'patch (a' fol 194).

Minħabba dan kollu l-Attriċi fittxet parir ieħor. Marret għand Mr. Franco Mercieca u fiċ-ċertifikat tal-eżami dan jinnota li l-Attriċi kellha *left microbial keratitis* li tfisser infezzjoni fil-cornea tal-għajn ix-xellugija. Fil-lemija ma kellha ebda infezzjoni (a' fol 268). Skond dan ix-xhud, ma jistax jgħid jekk kienx hemm nuqqas fl-operazzjoni iżda jispjega li l-*bacteria* li kellha l-Attriċi tista' tinstab fl-ilma tal-vit u ma jeskludiex li l-infezzjoni ġejja minn hemm. Konformi ma' din id-dijanjożi meta l-Attriċi marret barra, hi stess tistqarr li qalulha li l-kawża setgħet ġejja minn umidita' fl-għodda *"... xi ilma kontaminat"*. (Issa Pierre Vassallo in konto eżami jgħid li l-ilma sterilizzat jiġi lest sterilizzat mill-kumpanija li tfornih lis-Soċjeta' konvenuta (a' fol 403). Dan ix-xhud jispjega li ma jistax jgħid jekk kinitx b'risultat ta' nuqqas ta' ħila da parti tal-konvenut Zola (ara wkoll xhieda tal-konvenut Zola a' fol 274).

Fl-affidavit tiegħu Mr. Franco Mercieca, ukoll speċjalista tal-għajnejn bl-esperjenza vasta, josserva li "*Li nista' ngħid hu illi l-interevnt illi kienet għamlet il-pazjenta kien wiehed komuni u li ilu jigi prattikat diversi snin. Għalkemm kumplikazzjonijiet huma possibbli anke wara l-iċken intervent, normalment dawn l-interventi huma plain sailing. Infezzjoni fl-għajn li tkun*

*għadha kemm giet operata hija il-biża' (nigħt mare) ta' kull kirurgu speċjalment fl-għajnejn, għax tista twassal għal konsegwenzi gravi"*. Issa dan il-kliem qiegħed jgħidu l-istess konsulent li marret biex tikkonsulta l-Attriċi.

Dan huwa wkoll konformi mal-konklużjonijiet tal-ispeċjalisti inkarigati mill-konvenut fejn jgħidu li wara li eżaminaw id-dokumentazzjoni kollha relatata mal-każ, il-"... *the keratitis caused by the non-tubercular mycobacteria (80.9% [114]) heals without serious impairment of vision. For these reasons, the residual damage to the patient must only be ascribed to the negative evolution of an ulcerated conceal lesion and to the mycotic over-infection that as we have demonstrated cannot be scientifically, technically and chronologically be ascribed to the bi lateral laser correction surgery "PRK" made by Dr. Zola"* (a' fol 349 sottoskritt minn Profs T Avitabile u Prof Cristoforo Pomara).

Fir-rapport tal-konsultent ta' Mr. Stephen Tuft ta' Moorfields Eye Hospital jidentifika l-kundizzjoni li l-Attriċi għandha f'għajnejha x-xellugija. Dan jgħid li "*Miss Mifsud has signs of ongoing infection, with potentially a filamentary fungal super-infection of her mycobacterium ulcer. She also has significant signs of ocular surface toxicity secondary to her prolonged use of fortified Amakacin"* (a' fol 252. Pg 2 tar-rapport). Dan ifisser li għalkemm hija identifikata l-kundizzjoni, imkien ma hemm indikat li dan kien b'konsegwenza ta' intervent kirurġiku żbaljat.

Għalhekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-konvenut Zola ma jaħtix għal dak li ġara. Dak li ġara huwa riskju intrinsiku li jġorr miegħu kull intervent jew minħabba ilma kontaminat jew umdita' fil-kors ta' l-intervent, li jekk qatt twieġeb għalihom is-Soċjeta' konvenuta, kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel.

Iżda huwa importanti li l-pazjent jifhem x'inhuma r-riskji li jimporta intervent bħal dan u t-tabib huwa obbligat li jispjegħom. Dan jippermetti lill-pazjent jiddetermina jekk iridx jieħu dawk ir-riskji jew li jidħol xorta għall-intervent bir-riskji b'kollox. Di fatti dawn il-Qrati jispjegaw li "*Huwa obbligu tat-tabib innifsu li jipprovdi l-informazzjoni dwar l-operazzjoni, u ma jistax jeħles minn din ir-responsabilità sempliċiment billi jqassam il-leaflets u lanqas billi jiddelegaha lill-assistenti tiegħu. Il-Kunsill Mediku ddeċieda li tobba li ma kisbux il-kunsens tal-pazjent ma kinux qegħdin iwettqu l-istandards għoljin mistennija fil-professjoni medika. Din il-Qorti, diversament ippreseduta, kellha l-okkażjoni li tirrimarka li l-għoti ta' tagħrif xieraq huwa kejl magħruf li bih il-professjonist juri l-għaqal tiegħu fit-twettiq tal-ħila professjonali tiegħu"* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Sue Rossi -vs- Dr. Joseph Muscat tal-25 ta' Ġunju 2008 Prim'Awla.**).

Issa fil-każ tal-lum il-Qorti hija xi ftit perplessa. L-Attriċi tgħid li sa dak in-nhar ħadd ma kien qalilha bir-riskji meta ġiet esebita l-consent form datata u li hija pjuttost dettaljata ta' x'inhuma r-riskji. Din hija sottofirmata mill-Attriċi u l-konvenut Zola (a' fol 193). Fil-waqt li Tiziana Lagana' tgħid li l-formula tal-kunsens jingħataw fil-jum tal-proċedura (a' 261). Bejn dak li

tgħid l-Attriċi u bejn id-dokument inkwistjoni, li l-Attriċi qatt ma ċaħdet, il-Qorti tasal fuq il-bilanċ ta' probabbilitajiet tasal għall-konklużjoni li tajjeb jew ħażin hi kienet infurmata x'setgħu kienu r-riskji. Issa l-Qorti ma tistax taħlef li qrat il-consent form iżda b'dokument bħal dak l-anqas ma din il-Qorti għandha tifhem li hi ma kienet taf b'xejn.

Pero' tajjeb li jingħad li l-obbligu tal-kirurgu ma jispiċċax mal-intervent mediku fih inniffsu, iżda jippersisti għal wara l-operazzjoni billi l-pazjent ikun segwit post operazzjonalment għall-kumplikazzjonijiet anċillari li jistgħu jinqalgħulu, anke jekk l-intervent fih innifsu jista' jingħad li kien suċċess.

F'dan ir-rigward l-Awturi josservaw li "*La prestazzione dek chiriurgo anhe se espletata in una clinica private da un professjonista seterno che non ha obbligu di trattenersi in essa, non si esaurisce nel complimento dell'atto operatorio, ma si estendi ad una serie di obblighi accessorji inerenti al tarttamento post operatorio*" (Ara **Giovanna Visinti, Trattato Breve della Responsabbilita Civile, 1996 Ed, pg 251**).

Issa mill-provi jirrisulta li kienet qed tkun segwita. Kellha diversi laqgħat u ingħatat diversi mediċini biex ittaffilha l-uġiegħ u anke bit-tama li titfejjaq. Ġimgħatejn wara marret għal follow up. Ma kinitx qed tara minn għajnejha x-xellugija mertu tal-kawża. Ġimgħa wara reġgħet marret u għajnejha x-xellugija kienet għadha ma fiqitx sakemm f'Settembru tal-2017 għamlilha operazzjoni oħra u għalqilha għajnejha b'patch (a' fol 194).

Skond l-Attriċi l-konvenuti qalulha li ma kien hemm xejn aktar x'tagħmel ħlief li jħalluha tfieq waħedha. Pero l-konvenut Zola jgħid li *"... I gave her*

*another appointment for the 21st of September 2017. Regretfully, Mrs Mifsud did not turn up for the scheduled appointment of the 21st of September and since that time I have not been able to verify the condition of the eye in question as she no longer turned up for control visits at the Da Vinci Hospital despite numerous phone calls whereby she was invited to attend to the hospital for observations by myself"* (a' fol 274). Lanqas Mr. Franco Mercieca ma seta' jfejjaqilha u għajnejha baqet tintefah u tbiddel il-kuluri (a' fol 195).

L-Attriċi kellha kull okkażjoni biex tikkontroeżamina lill-konvenut b'dana kollu dan ma għamlitux. Veru, li n-nuqqas ta' kontro eżami ma jfissirx li b'daqshekk dak li jkun qed jissokomobi għaliex wara kollox *actore non probante reus absolvitor*. Imma meta jkun punt ta' importanza bħal dan, is-silenzju tal-Attriċi huwa sinjifikattiv u ma jistax ma jingħatax piż. (Ara **Sentenza tat-2 ta' Marzu 2018 fl-ismijiet Catherine Cali` Vincenti f'isimha proprju et -vs- Stephen Cali, Appell Superjuri**).

Jidher li l-Attriċi ma hiex tgħid kollox. Tgħid li ma kinitx infurmata bir-riskji meta hemm *consent form* iffirmata minnha u mill-konvenut Zola. Hi mhux qed tgħid li ma fehmitx il-kontenut jew addirittura ma qrawhix lilha. Apparti dan, jidher li minn jhedda, ma baqetx tmur biex tkun segwita post operazzjonalment, li skond din il-Qorti, kien żball da parti tagħha. Pierre Vassallo għal Da Vinċi offra li jmorru għand il-klinika tal-konvenut l-Italja biex jagħmlilha intervent hemm hekk, iżda hi ma ħassitiex komda tmur għandu. Wara din il-laqgħa Da Vinċi qatgħu kull kuntatt minn magħha (a'

fol 195). Il-Qorti tifhem li l-Attriċi ħadet fuq demm id-dars lill-konvenuti, imma dan ma jfissirx li b'daqshekk il-konvenut Zola partikularment, ma baqax jieħu interess fiha u dan skond kif huwa obbligat li jagħmel.

Fl-aħħar nett il-Qorti fehmet li l-Attriċi tgħid li fir-riklam li rat fuq is-social media li jgħid li din il-proċedura hija waħda magħrufa bħala *"Lasik eye surgery*" u li "*is safe and proven to improve your eye sight"*. Minħabba f'hekk, l-Attriċi tipprova takkolla responsabbilita' lill-konvenut Zola. Jibda biex jingħad li dan ir-riklam huwa tas-Soċjeta' konvenuta (a' fol 8). Fatt li ser jittieħed in konsiderazzjoni dwar l-istandi judicio tas-Soċjeta' konvenuta f'dawn il-proċeduri.  Għalkemm ukoll irid jingħad li riklam jibqa' dejjem riklam u ma għandux jittieħed li qed jirriklama suċċess assolut. Di piu' irrisulta, li l-makna tal-*laser* hija tal-Konvenut Zola (a' fol 260). Issa mill-atti min imkien ma jirrisulta li dan l-apparat kien diffettuż u anqas li ntuża ħażin. Għalhekk sa fejn jirrigwarda lill-konvenut Zola din il-Qorti ma tarax li għandu jkun miżmum għal dak li ġralha l-Attriċi. Konsegwentement anke s-Soċjeta' kjamata in kawża ma tistax twieġeb għal dak li tilmenta minnu. Mhux biss għax l-assigurat tagħha qed ikun dikjarat li ma għandux tort, iżda fi kwalunkwe każ hi ma għandha ebda legali mal-Attriċi ħlief li tgħaddi għall-ħlas li sofriet dejjem taħt il-kundizzjonijiet tal-polza u li kieku l-assigurat tagħha qed ikun dikjarat responsabbli għall-event dannuż. Għalhekk din il-kjamata in kawża ser tkun illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

*<u>Ir-responsabbilita tas-Soċjeta' konvenuta.</u>*

Fit-tielet eċċezzjoni tagħha, is-Soċjeta' konvenuta teċċepixxi li ma għandiex twieġeb għall-intervent inkwistjoni għaliex ma kinitx hi li wettqitu iżda l-konvenut Zola. F'dan ir-rigward din is-Soċjeta' konvenuta targumenta, li l-konvenut Zola ma kienx dipendenti tagħha. Skond Dr. Pierre Vassallo, Managing Director ta' Da Vinci, it-tobba u speċjalisti li jaraw in-nies hemm m'humiex impjegati tal-isptar. Huma *free lance* u indipendenti mill-isptar. Da Vinci jipprovdu l-venue għall-intervent (a' fol 259).

Is-Soċjeta' konvenuta tipprovdi wkoll il-*consumable items*, fost dawn il-fjali ta' ilma sterilizzat li jintuża waqt dawn l-interventi. Dan ix-xhud jgħid ukoll li l-ilma jiġi lest sterilizzat mill-kumpanija li tfornih lis-Soċjeta konvenuta (a' fol 403). Fir-rigward ta' dan l-ilma l-konvenut Zola jispjega li "*The procedure also involves the sterilization of surgical instrument, which was regularly performed, and the use of sterile disposable materials, by the Da Vinci staff*".

Jibda biex jingħad, li r-riklam surreferit huwa stedina pubblika mis-Soċjeta' Konvenuta lill-pubbliku u mhux mill-konvenut Zola. Għalhekk meta persuna tagħżel li tieħu s-servizz ikun jaf li mas-Soċjeta' konvenuta qed titratta, tant li anke l-consent form hija fuq letter head tas-Soċjeta' konvenuta.

Kif jirrisulta mill-provi, is-Soċjeta' konvenuta ma tipprovdix il-*venue* biss. Tipprovdi l-*personnel* tagħha li jassistu fl-intervent. Tipprovdi l-*consumables* kollha, fost oħrajn il-fjali tal-ilma sterilizzat u l-preparazzjoni tal-klijent qabel l-intervent. Għalhekk huwa ċar li għalkemm il-konvenut

Zola jagħmel l-intervent bil-makna tal-laser tiegħu, il-ġestjoni tal-isptar hija esklussivament f'idejn is-Soċjeta' konvenuta.

F'dan ir-rigward intqal li "*La responsabbilita' dell'ente ospidaliero gestore di un servizio sanitario, nei kofnronti del privato, che ha richiesto il (ed usufruito del) servizio, ha natura contrattuale di tipo proferssionale.*" (Ara **Giovanna Visintini, Trattato Breve Della Responsabilita' Civile, Cedam, 1996, pg 238**). Il-Qorti taqbel pjenament ma' dan it-tagħlim u qed tagħmlu tagħha. Tagħlim li jakkwista importanza għal dak li ser jingħad.

F'dan ir-rigward huwa importanti dak li tgħid l-Attriċi dwar x'ġara l-għada tal-operazzjoni. L-għada tal-operazzjoni ma setgħetx tiftaħ għajnejha. Weġbitha s-Segretarja u qaltilha biex tkompli bil-qtar u li jekk tippersisti jagħtuha l-antibiotics (a' fol 193). L-għada, peress li l-uġiegħ ippersista, is-segretarja qaltilha biex tibda l-antibiotics (a' fol 194). L-Attriċi terġa' ssemmi dan l-episodju anke fil-kontroeżami tagħha (a' fol 440 u 443).

Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li din is-Segretarja hija dipendenti tas-Soċjeta' Konvenuta. Minn imkien ma jirrisulta li l-konvenut Zola ġie nfurmat jew kien jaf li kienet ċemplet l-Attriċi l-għada tal-operazzjoni tilmenta minn uġiegħ f'għajnejha. Il-Qorti ma taraha xejn sewwa li kellha tkun is-segretarja li tigwida medikament lill-Attriċi u li tippreskrivilha x'għandha tagħmel partikolarment meta la kienet kwalifikata u lanqas għamlet l-intervent.

Din il-Qorti tħoss li f'mument daqstant sensittiv wara l-operazzjoni, kellha tkun segretarja li tgħidilha x'għandha tagħmel partikularment fid-dawl li kif

jispjega Mr. Franco Mercieca, li intervent bħal dan huwa l-ħmar il-lejl ta' ħafna tobba minħabba l-possibilita' ta' infezzjoni. Trimarchi fl-opra **Istituzioni Di Diritto Privato** jirrikonoxxi li l-entita' li topera s-servizz sanitarju twieġeb għall-għemil kolpuż tad-dipendenti tagħha (**Trimarchi op. Cit 10th Ed, Milano 1995 pg 350**).

Issa din il-Qorti temmen li t-tempistika tal-kura li kellha bżonn l-Attriċi għall-uġiegħ f'għajnejha kienet importanti biex is-sitwazzjoni ma tagravax kif fil-fatt ġara, tant li għal darba oħra kienet is-segretarja li preskrivitilha li tieħu l-*antibiotics*. Għalhekk is-Soċjeta' konvenuta naqset meta s-segretarja, flok qalet lill-Attriċi biex tmur ħalli jaraha tabib, refgħet fuqha li tagħti parir mediku minn fuq telefon. L-obbligu kien li dan il-parir kellhu jingħata minn persuna kompetenti u billi l-pazjenta tkun eżaminata tempestivament fil-persuna minn tabib ta' ħila jekk mhux il-konvenut Zola, aktar u aktar meta Mr. Tuft identifika li l-Attriċi kienet qed isoffri minn "*delayed epithelial healing*" (a' fol 10). Għalhekk kien ukoll mhux korrett li Tiziana Lagana, li hija HR Manager, tat parir lill-Attriċi sabiex minkejja l-ħruq kbir li l-Attriċi kellha f'għajnejh qaltilha biex tistenna fil-kas jibdew l-antibiotics (a' fol 440). Il-Kawża li twassal għal infezzjoni bħal din mhux faċli wieħed jasal għaliha. Fiċ-ċirkostanzi huwa ċert, kif diġa' stabbilit, li ma kinitx in-nuqqas ta' hila tal-konvenut Zola li wassal għaliha. Huwa wkoll meqjus li "*The primary source of infection is seldom found, although several epidemiologic investigations have implicated contaminated surgical instruments*". (a' fol 225). Il-Qorti tfakkar li Mr. Franco Mercieca jgħid li dan kollu jista' jkun il-

kawża ta' ilma infettat jew minħabba l-*consumables* użati ma jkunux sterilizzati tajjeb. Din hija materja sensittiva ħafna li anke b'umdita' żejda fuq l-apparat li jkun qiegħed jiġi użat jista' jwassal għal din il-kundizzjoni. Importanti li jkun eċċentwat, li għalkemm li l-Attriċi dejjem kellha problema bil-vista, ma kelliex pero' xi kundizzjoni pre esistenti li kienet tagħmilha vulnerabbli għall-infezzjoni li kellha f'għajnejha. Mr. Franco Mercieca jgħid, li l-istat tas-sistema immunitarja tal-pazjent hija kruċjali għaliex din tilqa' għal infezzjonijiet li jistgħu jfeġġu minn *bacteria* inkwistjoni (a' 268). Iżda, ma jirrisultax mill-provi, li l-Attriċi kienet tbati minn din il-kundizzjoni ta' nuqqas ta' immunita'. Għalhekk huwa ċar, li dak li affliġġa lill-Attriċi seħħ fit-teatru ta' fejn ġiet operata u ġaladarba dan ma ġarax tort tal-konvenut Zola bil-fors li ġie kkawżat minn sorsi oħrajn. Il-Qorti hija tal-fehma li l-kawża ta' dan kollu kien xi aġġeġ mediku jew ilma li kienu kontaminati għaliex ma kinux sterilizzati kif suppost.

Huwa ċar li l-isterilizazzjoni tal-parti l-kbira tal-oġġetti li jintużaw fl-intervent huma sterilizzati mis-Soċjeta' konvenuta. Pierre Vassallo jixhed li "*il-consumable items bhal perezempju garza, sterile solutions, theatre gowns, maska gloves, shoe covers, table cover, medicine, siringi, faxxex u medicine waqti waqt l-operazzjoni, huma provduti minn Da Vinci. Dawn kollha huma sterilizzati, uhud minnhom minnha stess u ohrajn nircevuhom sterelizzati u ssiggilati. ... Ahna nuzaw sterile water minn fjali issigillati provduti minn supplier ta' reputazzjoni tajba*" u jeskludi għalhekk kull possibilita' li l-infezzjoni kienet ġejja minn nuqqas ta' sterilizazzjoni (a' fol

260). Il-Qorti tfakkar ukoll li l-istess Mr. Franco Mercieca ma jeskludix li l-infezzjoni ġejja minn ilma kontaminat (a' fol 268). Dan minkejja li kull ilma użat suppost kien sterilizzat.

Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha hija tal-fehma li s-Soċjeta' konvenuta trid twieġeb għal dak li ġara. Il-Qorti temmen li l-Attriċi kellha kuntatt ma' xi ilma kkontaminat jew *consumables* li ma kinux ben sterilizzati. L-Attriċi kienet l-aħħar u r-raba' waħda li ġiet operata dak in-nhar. Wieħed kien joħroġ u ta' wara jidħol. Fil-fehma ta' din il-Qorti, interventi ta raffika bħal dawn iġibu magħhom nuqqas ta' attenzjoni fit-tħejjija ta' qabel intervent u l-iċken dettal jista' jkun fatali.

**Danni**

Għalhekk issa jmiss li jiġu likwidati d-danni. Id-danni klassikament dejjem jitqiesu żewġ kwalitajiet: dawk li huma danni effettivi (*damnun emergens*) u dawk li jikkonsistu f'telf fil-futur (*lucrum cessans*). Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:

"*Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib*".

Pero' din il-Qorti tagħti wkoll importanza lill-prinċipju tar-'*restitution ad integrum'*, fis-sens li l-vittma għandha kemm jista' jkun titqiegħed fil-

posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-avveniment dannuż. Il-Qorti hija konxja li dan il-prinċipju għandu aktar minn natura ta' dak li hu mixtieq milli rejali, għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident li jħalli debilita' permanenti, il-persuna terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident. Din il-Qorti ssejjaħ dan l-element bħala integrita' tal-persuna.

L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-'*istatus quo ante'*. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni. F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' **Heil -vs- Rankin** fejn intqal hekk:

"*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…"* (Ara **Munkman on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**).

<u>*Damnum Emergens*</u>

L-Attriċi permezz ta' nota esebit numru ta' riċevuti ta' spejjes li għamlet u li jirrapresentaw allura d-danni effettivi (a' fol 235). Il-Qorti eżaminat b'reqqa dawn id-dokumenti. Minn dawn l-ispejjes il-Qorti ser tammetti kollox barra spejjes extra ġudizzjarji ġaladarba dawn ma humiex addossati b'taxxa tal-Qorti. Kwantu għal dawk il-ħlasijiet li ma humiex taxxabbli dawn huma dejjem riskju tal-klijent meta jagħżel avukat. Finalment l-istess avukat ser ikun qiegħed jitħallas tad-drittijiet taxxabbli li jkunu dovuti ta' dawn il-

proċeduri. Għalhekk il-Qorti ser tqies li id-*damnum emergens* jammonta għal elfejn erbgħa mija u tnejn u sittin ewro (**€2,462**).

<u>*Lucrum cessans*</u>

Il-prinċipji prinċipali tal-mod kif għandu jkun likwidat it-telf fil-futur huma s-segwenti.

L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attriċi ser tkun affettwata 'l quddiem fl-attivitajiet tagħha u f'saħħitha. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwardja l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-ġrad ta' inkapaċita' f'sens biss purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba. Issa skond il-Perit Mediku maħtur mill-Qorti, Mr. Mario Vella, l-Attriċi għandha dannu permanenti viżwali ta' **16%** (ara a' 256). Il-Qorti ma tara li m'għandha ebda raġuni għalfejn għandha tallontana lilha nniffisha minn din il-konklużjoni.

Il-Qorti temmen fis-sħiħ li trid tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċiment matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed.

Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħiliet kollha u jagħmel xi attivitajiet, iżda mhux bilfors kollha, li kien iwettaq qabel l-inċident.

F'dan ir-rigward din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja l-perċentwal ta' diżabilita` permanenti dan ma jipprekludiex lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorattiva tiegħu u dik is-sitwazzjoni l-oħra fejn apparti l-perċentwalita' ta' diżabilita' l-persuna ser tkun għall-bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol. Issa, jirriżulta b'mod ċar li qabel l-inċident l-Attriċi kienet bniedma differenti. Pero' minn diversi xhieda jidher li ħajjiet l-Attriċi ġiet affettwata għal għomorha fl-attivita' tagħha bħala mara tad-dar.

*<u>Il-multiplier</u>*

Dan normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata lill-Attriċi jiġi kalkolat, ħija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of*

*estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases"* (Ara **Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128**).

Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarbet il-ġrieħi u mhux minn dakinħar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma meta seħħ il-fatt dannuż u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża* ***Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967****. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier, wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c- 'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni*".

Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** qalet hekk:

"*F'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat. Issa din il-Qorti issib li l-aħjar kejl huwa dak tal-eta' tad-danneġġjat fil-mument tal-inċident sakemm jilħaq l-eta' tal-pensjoni soġġett dan il-kejl għall-istat ta' saħħa tad-danneġġjat qabel l-inċident li weġġa' fih.*"

Minn eżami tal-provi tal-Kawża odjerna, ma jirriżultax li l-Attriċi kienet issofri minn xi kundizzjonijiet li setgħu iqassrulha ħajjitha. L-operazzjoni saritilha fit-12 ta' Lulju 2017. L-Attriċi hija mara tad-dar, twieldet fid-29 ta' Settembru 1980 għalhekk kellha 37 sena meta għamlet l-operazzjoni. L-eta' pensjonabbli għan-nisa hija dik ta' 64 sena. Dan ifisser li l-perijodu li għandu jittieħed in konsiderazzjoni huwa dak ta' 27 sena. Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-'lump sum payment'. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-'lump sum payment' huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għaddha żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA tat-28 Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta'**

**Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk iddanneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction"* – (ara **Sentenza fl-ismijiet Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**).

Għalhekk il-kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena. Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-kawża jidhrilha li l-perċentwali ta' 18% bħala 'lump sum payment' ikun ġust.

Fil-każ ta' telf futur, dawn il-Qrati jistrieħu fuq l-aktar fattur ċert: is-salarju prinċipali u kull qliegħ ieħor li kellu d-danneġġjat fil-waqt tal-inċident dannuż u liema qliegħ ikun raġjonevoment wieħed stabbli u fit-tul. Issa l-Attriċi hija mara tad-dar u ma kellhiex impjieg formali u fiss. Ġie rikonuxxut li għalkemm l-Attriċi ma kellhiex impjieg formali, ix-xogħol tagħha bħala mara tad-dar xorta għandu jkun valorizzat.

Dan ġie rikonoxxut mill-Qarti tagħna (ara **Sentenza tat-30 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet Emmanuel Schembri u martu Filomena Schembri -vs- David Tanti** u kif ukoll **Muscat -vs- Buhagiar, Prim'Awla tal-15 ta' Lulju 1983**). Il-Qrati tagħna irribadew il-prinċipju li mara tad-dar għandha dritt għall-kumpens u x-xogħol tad-dar għandu valur ekonomiku. Dan m'għandux jitqies li jiswa anqas mill-paga minima nazzjonali (Ara **PA GCD**

**Ebejer vs Spiteri 16/12/97; Borg vs Zammit PA NA 22/3/99; Zammit vs Bezzina App 19/9/73; Apap vs Deġiorġio App 16/1/84; u Grech vs Briffa PA 21/2/97**).

Issa l-valur tax-xogħol tal-mara tad-dar sfortunatament għadu mhux adegwatament rikonoxxut mill-leġislatur f'ħafna mil-liġijiet soċjali meta fil-fatt huwa kontribut li m'għandux prezz. Għalhekk b'sens ta' apprezzament lejn il-valur tax-xogħol tal-parti fiż-żwieġ li tibqa' id-dar biex tieħu ħsieb il-familja, din il-Qorti tħoss li għandu jkun applikat mhux il-kriterju tal-paga minima iżda dak tal-paga medja li llum hija ta' €1700 fix-xahar.

Di piu' il-Qorti hija tal-fehma, li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, fil-ġejjieni huwa dak li ser jingħata issa, dan ser jitlef il-valur magħruf bħala "*purchasing power*" dovut dan għall-erożjoni bl-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index imperfect instrument it may be, it is the best we have".* (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**).

*Liwidazzjoni tad-danni.*

€1700 x12 x 27 (salarju fix-xahar għal 12 -il darba u għal 27 darba)= €550,800 meno 18% (lump sum) = €451656 / 16% (persentaġġ ta' disabilita') = €72,265 pju elfejn erbgħa mija u tnejn u sittin ewro (€**2,462**)= erbgħa u sebgħin elf, sebgħa mija u sebgħa u għoxrin ewro **(€74,727)**. Ma' din is-somma għandha wkoll tiżdied somma oħra ta' ħamest elef ewro

(€5000) rappresentanti telf fil-valur (*purchasing powe*r) fuq il-medda ta' żmien. Għalhekk is-somma finali hija ta' disgħa u sebgħin elf sebgħa mija u sebgħa u għoxrin ewro (**€79,727E**).

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad it-talbiet Attriċi kollha** fil-konfront tal-Konvenut Zola u tas-Soċjeta' Kjamata in kawża.

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** fil-konfront biss tas-Soċjeta' Konvenuta Da Vinci Health Care Limited u tillikwida d-danni sofferti mill-Attriċi fl-ammont ta' disgħa u sebgħin elf sebgħa mija u sebgħa u għoxrin ewro (**€79,727**).

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-imsemmija Soċjeta' konvenuta Da Vinci Health Care Limited tħallas lill-Attriċi s-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes kollha a' karigu tas-Soċjeta' konvenuta u spejjes oħra kif mitluba.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**